C/2026/845

6.2.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/845)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Slovenski med"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-SI-0801-AM01 — 6.11.2025

1. **Isem il-prodott**

"Slovenski med"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Settur**

☑ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Is-Slovenja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Titolu

Il-Ministeru tal-Agrikoltura, il-Forestrija u l-Ikel tar-Repubblika tas-Slovenja

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-emenda titqies bħala emenda standard minħabba li ma tinkludix bidla fl-isem tal-indikazzjoni ġeografika jew fl-użu tal-isem, ma tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika u ma tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Regoli għat-tikkettar tas-"Slovenski med"

Deskrizzjoni

F'din it-taqsima, is-sentenza "Kull tikketta għandha n-numru tas-serje tagħha." ġiet sostitwita bis-sentenza "Kull tikketta għandha l-barcode bidimensjonali (kodiċi QR) tagħha stess li jippermetti lill-konsumatur jivverifika l-validità taċ-ċertifikat ta' min irabbi n-naħal."

Ir-raġuni tal-emenda proposta hija biex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni xierqa dwar l-oriġini tal-għasel li qed jixtru u dwar il-persuna li trabbi n-naħal li pproduċiet l-għasel, informazzjoni li n-numru tas-serje waħdu ma kienx jista' jipprovdiha.

Il-barcode bidimensjonali, jew il-kodiċi QR, jippermetti li l-prodott fiżiku jintrabat ma' rekord diġitali aċċessibbli permezz tal-kodiċi QR. B'dan il-mod, il-konsumatur jista' jivverifika, fi kwalunkwe mument u kullimkien, min ipproduċa l-għasel, fejn ġie bbottiljat, u jekk għandux ċertifikat validu. Din il-link diġitali tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju ta' falsifikazzjoni.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli

"Slovenski med"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-SI-0801-AM01 — 6.11.2025

1. **Isem/Ismijiet**

"Slovenski med"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Is-Slovenja

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

04 – PRODOTTI TAL-ĦALIB; BAJD TAL-GĦASAFAR; GĦASEL NATURALI; PRODOTTI TAJBIN GĦALL-IKEL ĠEJJIN MILL-ANNIMALI, LI MHUMIEX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

Is-"Slovenski med" huwa prodott fir-Repubblika tas-Slovenja. Dawn li ġejjin jistgħu jinbiegħu bl-isem "Slovenski med":

— għasel tal-akaċja,

— għasel tal-ixkomp,

— għasel tal-qastan,

— għasel taż-żnuber,

— għasel tal-abit,

— għasel tan-nwar jew għasel tan-nektar,

— għasel tal-foresta jew għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar.

Karatteristiċi organolettiċi tas-"Slovenski med":

L-għasel tal-akaċja huwa prodott l-aktar min-nektar miġbur mis-siġra tar-robinja (*Robinia pseudoacacia*), magħrufa wkoll bħala l-akaċja falza. Dan l-għasel jista' jvarja minn prattikament bla kulur sa isfar lewn it-tiben. Dan l-għasel għandu fwieħa ħafifa ħafna u newtrali u rwejjaħ tan-nwar tal-akaċja. Għandu togħma li tvarja minn ħelwa mezzana sa ħelwa ħafna, li tippersisti għal tul ta' żmien moderat sa twil ħafna. L-aroma tiegħu ddum għal ammont ta' ħin li jvarja minn qasir għal medju. Spiss ikollu aroma ta' xehda verġni, xema' friska, nwar tal-akaċja, nwar tas-siġar tal-frott, aroma tat-tuffieħ u l-lanġas u possibilment vanilja, ħelu tal-krema, butir frisk u tiben frisk. Rari jikkristallizza.

L-għasel tal-ixkomp huwa prodott min-nektar jew mill-qtar tal-għasel tas-siġar miġbur l-iktar mill-ixkomp tal-werqa wiesgħa jew l-ixkomp tal-werqa żgħira (*Tilia platyphillos* jew *Tilia cordata*). L-għasel tal-ixkomp għandu kulur li jvarja minn isfar ċar għal ambra ċar, bi ħjiel ta' aħdar. Għandu riħa ta' nwar tal-ixkomp u għandu fwieħa ta' mentol frisk li hi ta' intensità medja sa qawwija. Għandu togħma ta' mentol li tvarja minn moderata għal qawwija. L-aroma tiegħu hija distintiva ħafna u friska. Għandu aroma ta' mentol, ġewż frisk, ħxejjex aromatiċi u nwar tal-ixkomp imsajra u aroma ħafifa ta' fjuri li tippersisti fuq tul ta' żmien moderat sa twil.

L-għasel tal-qastan huwa prodott l-aktar min-nektar jew mill-qtar tal-għasel tas-siġar miġbur mill-qastan ħelu (*Castanea sativa*). Għandu kulur kannella skur jew ambra, bi ħjiel ta' aħmar. Il-fwieħa tiegħu, bħat-togħma, hija intensa ħafna. L-għasel tal-qastan huwa kkaratterizzat minn togħma morra ta' intensità li tvarja minn moderata għal qawwija ħafna. L-aroma tiegħu hi distintiva ħafna, u hi qawwija u punġenti bħaz-zokkor maħruq, il-ġulepp taz-zokkor, id-duħħan, il-ħxejjex aromatiċi u l-assenzju u tibqa' tajba għal żmien twil, filwaqt li tħalli togħma morra fil-ħalq. Rari jikkristallizza.

L-għasel taż-żnuber huwa prodott l-aktar mill-qtar tal-għasel tas-siġar miġbur miż-żnuber abjad (*Abies alba*). Għandu kulur kannella fil-griż, b'dija ħadra. Il-fwieħa tiegħu hi ta' intensità li tvarja minn medja għal qawwija. Għandu riħa ta' trab tal-ħalib u reżina. It-togħma tiegħu pjuttost iddum, bħall-aroma tiegħu, li hi distintiva ħafna. L-aroma tfakkar fit-trab tal-ħalib, fil-karamella, fiz-zokkor maħruq, fir-reżina, fl-injam koniferu frisk, fil-ġulepp tar-rimja tal-abit, fid-duħħan, fit-te iswed bil-ħalib u fil-ħelu tal-ħxejjex aromatiċi. Normalment jikkristallizza bil-mod.

L-għasel tal-abit huwa prodott l-aktar mill-qtar tal-għasel tas-siġar miġbur mill-abit (*Picea abies*). Għandu kulur li jvarja minn kannella fl-oranġjo għal kannella ħamrani, b'wiċċ li jleqq. Normalment ikun trasparenti. Hu elastiku ħafna u jeħel mal-ilsien u mal-palat. Il-fwieħa tiegħu ddum kemxejn u t-togħma tiegħu tippersisti fuq tul ta' żmien qasir sa moderat. L-aroma tiegħu pjuttost iddum u tfakkrek fil-ġulepp tar-rimja tal-abit, ir-reżina, il-ħelu tal-ħxejjex aromatiċi, it-te tal-ħxejjex aromatiċi, il-kafè inkaljat, il-frott imqadded u l-ħelu tal-kafè.

L-għasel tan-nwar jew l-għasel tan-nektar jiġi prodott l-aktar min-nektar ta' aktar minn pjanta waħda u għaldaqstant huwa varjat. Il-kulur tiegħu jvarja minn isfar lewn it-tiben għal kannella. Il-fwieħa tippersisti fuq tul ta' żmien moderat sa twil ħafna, bħat-togħma tiegħu. Iħalli togħma qawwija u ħelwa fil-ħalq. L-aroma friska ta' frott u fjuri tippersisti fuq tul ta' żmien moderat sa twil ħafna. L-aroma tfakkar fil-fjuri, il-frott frisk, il-compote, il-frott imsajjar, il-ħelu tal-karamella u tal-ħalib, iz-zokkor ismar, il-karamella u l-melassa. Jikkristallizza malajr.

L-għasel tal-foresta jew mill-qtar tal-għasel tas-siġar huwa prodott l-aktar mill-qtar tal-għasel tas-siġar miġbur minn għadd ta' pjanti. Għandu kulur li jvarja minn kannella ċar għal kannella skur, bi ħjiel aħmar jew aħdar. Il-fwieħa tiegħu tippersisti fuq tul ta' żmien qasir sa moderat u t-togħma tiegħu tippersisti fuq tul ta' żmien moderat sa twil. Bl-istess mod l-aroma tiegħu, li tfakkar fir-reżina, il-ġewż, il-ġellewż, il-ħxejjex aromatiċi, l-assenzju, il-karamella, il-melassa, il-ħelu tal-ħxejjex aromatiċi, il-frott imqadded u l-lanġas imnixxef, ukoll tippersisti fuq tul ta' żmien moderat sa twil.

Karatteristiċi fiżikokimiċi tas-“Slovenski med”

Tip ta’ għasel / Parametru	Akaċja	Xkomp	Qastan	Żnuber	Abit	Nwar	Foresta
Kontenut ta’ ilma	< 18,6 %	< 18,6 %	< 18,6 %	< 18,6 %	< 18,6 %	< 18,6 %	< 18,6 %
Kontenut ta’ HMF	< 15 mg/kg	< 15 mg/kg	< 15 mg/kg	< 15 mg/kg	< 15 mg/kg	< 15 mg/kg	< 15 mg/kg
Konduttività elettrika	≤ 0,3 mS/cm	0,5-1,3 mS/cm	≥ 0,9 mS/cm	> 0,8 mS/cm	≥ 0,9 mS/cm	≤ 0,8 mS/cm	≥ 0,8 mS/cm
pH	3,5–4,6	4,1–6,1	4,7–6,2	4,7–5,8	4,3–5,6	3,8–5,3	4,3–5,6
Kontenut ta’ sukrożju	< 10 g/100 g	< 5 g/100 g	< 5 g/100 g	< 5 g/100 g	< 5 g/100 g	< 5 g/100 g	< 5 g/100 g

Kontenut ta’ għabra tad-dakra fis-“Slovenski med”

Tip ta’ għasel / Għabra tad-dakra	Akaċja	Xkomp	Qastan	Żnuber	Abit	Nwar	Foresta
Proporzjon ta’ varjetà speċifika ta’ għabra tad-dakra	> 7 % għabra tad-dakra tar-robinja (*Robinia pseudoacacia* – robinja)	> 1 % għabra tad-dakra tat-tilju (*Tilia* sp.)	> 86 % għabra tad-dakra tal-qastan ħelu (*Castanea sativa*)	/	/	spiss ikun fih l-għabra tad-dakra tas-siġar tal-frott, *Castanea sativa*, *Acer* sp., *Trifolium repens* u pjanti tal-familja *Asteraceae*.	/

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta’ għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali dożinjati b’Denominazzjoni ta’ Oriġini Protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta’ materja prima (għal prodotti proċessati dożinjati b’Indikazzjoni Ġeografika Protetta biss)*

In-naħal ma jiġix mitmugħ eżatt qabel jew waqt it-tfittxija għall-ikel. Fix-xitwa, in-naħal jintema’ zokkor jew għasel biss.

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

L-istadji kollha fil-produzzjoni tas-“Slovenski med” iridu jsiru fiż-żona ġeografika definita. Il-produzzjoni tas-“Slovenski med” tinkludi l-produzzjoni tal-għasel f’kaxxi tan-naħal li ma jiċċaqalqux, jew bl-għajnuna ta’ kaxxi tan-naħal li jitmexxew fiż-żona ġeografika, u l-estrazzjoni tiegħu ssir permezz taċ-ċentrifugazzjoni. It-trobbija tan-naħal timxi fuq il-prinċipji tal-prattiki tajba tat-trobbija tan-naħal (Linji gwida dwar il-prattiki tajbin tal-iġjene fit-trobbija tan-naħal abbażi tal-prinċipji tas-sistema HACCP). L-użu ta’ repellenti kimiċi biex jikkalmaw lin-naħal ma huwiex permess, minħabba r-riskju li r-residwi kimiċi jiġu ttrasferiti fl-għasel. L-estrazzjoni mix-xehdiet tad-doqqajs mhix permessa. L-għasel li jiġi estratt ikun fih inqas minn 18,6 % ilma. L-għasel estratt jiġi ffiltrat u, ftit jiem wara l-estrazzjoni, jinġabar ukoll. Għall-iffiltrar jintużaw filtri li ma jneħħux l-għabra tad-dakra. It-tnixxif tal-għasel huwa pprojbit. L-għasel kristallizzat jiġi llikwifikat permezz tat-tiswin, għalkemm f’temperatura li ma taqbiżx l-40 °C biex ma ssirx ħsara lill-partijiet mill-għasel li huma sensittivi għas-sħana (l-enzimi, l-ormoni). Il-likwifazzjoni tal-għasel permezz tat-tiswin bil-mikromewġ ma hijiex permessa billi l-mikromewġ jeqirdu l-partijiet tiegħu li huma bijoloġikament attivi.

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Is-"Slovenski med" jista' jiġi bbottiljat u mballat fiż-żona ġeografika definita biss. B'dan il-mod biss tista' tiġi preservata l-kwalità għolja tal-għasel u jiġu evitati bidliet fil-karatteristiċi fiżikokimiċi u organolettiċi li jistgħu jseħħu jekk dan jiġi ttrasportat fuq distanzi twal. Eżatt wara li l-għasel jiġi bbottiljat, l-għatu u l-vażett jiġu ssiġillati flimkien b'tikketta uniformi b'tali mod li l-vażett ma jkunx jista' jinfetaħ mingħajr ma titqatta' t-tikketta.

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Is-"Slovenski med" li jissodisfa r-rekwiżiti skont l-ispeċifikazzjoni jrid ikollu l-isem protett, l-indikazzjoni "zaščitena geografska označba" [indikazzjoni ġeografika protetta], it-tip ta' għasel, is-serje (lott), u l-barcode bidimensjonali (kodiċi QR) li jippermetti lill-konsumatur jivverifika l-validità taċ-ċertifikat ta' min irabbi n-naħal.

4.7. *Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika*

Iż-żona fejn is-"Slovenski med" huwa prodott tinsab fit-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq

☑ reputazzjoni

☐ kwalità nominali

☐ karatteristiċi oħra

Sommarju tar-rabta

Is-Slovenja tinsab fl-Ewropa Ċentrali, fejn jiltaqgħu erba' żoni ġeografiċi Ewropej maġġuri, jiġifieri l-Alpi, il-Baċir Pannonjan, il-Muntanji Dinariċi u l-Mediterran. Id-diversità ġeoloġika, il-varjazzjonijiet fir-riżalt u l-fatt li l-pajjiż imiss ma' erba' reġjuni bijoġeografiċi jwasslu għal diversità kbira fil-flora u l-fawna, li min-naħa tagħha rriżultat ukoll f'firxa wiesgħa ta' tipi ta' għasel. L-interazzjoni bejn il-klima sub-Mediterranja, dik kontinentali u dik alpina u l-varjazzjoni fir-riljiev bejn l-artijiet baxxi u l-muntanji għoljin tfisser li, għal ċerti pjanti, ir-ragħa jsir fi żminijiet differenti f'partijiet differenti tas-Slovenja. Dawk il-karatteristiċi huma riflessi fid-diversità tal-flora tas-Slovenja.

Il-qastan ħelu (*Castanea sativa* Mill.) jikber fiż-żoni kollha tas-Slovenja li fihom l-għoljiet u li huma aktar sħan. Is-siġar ta' din l-ispeċi jinsabu madwar is-Slovenja kollha, fi gruppi kbar jew bħala siġar individwali. Ħafna drabi jinsabu qrib l-għelieqi, l-imsaġar tal-frott, il-vinji u d-djar. Jikbru f'elevazzjonijiet sa madwar 800 m 'il fuq mil-livell tal-baħar. Minbarra għall-injam u l-frott tagħhom, dawn is-siġar huma importanti ħafna biex jirgħu n-naħal. Joħorġu n-nwar f'Ġunju u f'Lulju, normalment fuq perjodu ta' 3 ġimgħat. In-naħal jieħdu l-għabra tad-dakra tal-qastan lejn il-kaxxi tan-naħal tagħhom, fejn din isservi bħala sors ta' nutriment meta ma jsibux fejn jirgħu aktar tard matul is-sena.

Fuq perjodu ta' eluf ta' snin, in-naħla tal-għasel Karnjolana (*Apis mellifera carnica*), li hi indiġena għas-Slovenja, adattat b'mod speċjali għall-kundizzjonijiet klimatiċi u tar-ragħa li huma tipiċi għas-Slovenja. Is-Slovenja hija l-uniku Stat Membru tal-UE li fit-Trattat ta' Adeżjoni, bil-għan li tħares il-materjal ġenetiku indiġenu tan-naħla Karnjolana u wara li qieset il-bżonn li tiġi mħarsa din il-popolazzjoni indiġena ta' naħal tal-għasel, iddikjarat l-intenzjoni tagħha li tkompli tapplika l-miżuri xierqa kollha meħtieġa biex tiżgura li tiġi mħarsa din in-naħla indiġena fis-Slovenja.

L-ispeċifiċità tas-"Slovenski med" hija riżultat tal-ispettru tal-għabra tad-dakra, li jirrifletti l-karatteristiċi tipiċi tal-flora fiż-żona fejn jiġi prodott is-"Slovenski med", u jinkludi l-għabra tad-dakra tal-qastan ħelu (*Castanea sativa*), li tinsab fil-biċċa l-kbira tal-kampjuni tas-"Slovenski med". Dawn il-karatteristiċi jiddistingwu s-"Slovenski med" minn għasel ieħor li jiġi prodott barra mis-Slovenja.

Aktar minn nofs il-kampjuni kollha tas-"Slovenski med" fihom ukoll l-għabra tad-dakra ta' *Trifolium repens*, *Acer* sp., *Plantago* sp., *Fraxinus ornus*, *Salix* sp., *Tilia* sp., pjanti tal-familja *Poaceae*, *Filipendula* sp. u pjanti tal-familji *Asteraceae* u *Apiaceae*.

Il-kontenut baxx ta' ilma u l-livelli baxxi ta' HMF huma wkoll karatteristiċi speċifiċi tas-"Slovenski med". Is-"Slovenski med" għandu kontenut ta' ilma ta' inqas minn 18,6 % u kontenut ta' HMF ta' inqas minn 15 mg/kg, u huwa dan li jagħmlu speċifiku. Dawn iż-żewġ parametri tal-kwalità jiddistingwu s-"Slovenski med" minn għasel ieħor prodott fis-Slovenja.

Is-Slovenja hija r-reġjun tal-oriġini tan-naħla Karnjolana, u waħda mill-karatteristiċi speċifiċi tas-"Slovenski med" hija għalhekk li jiġi minn żona fejn it-trobbija tan-naħal hija bbażata esklużivament fuq l-użu tan-naħla Karnjolana.

Is-Slovenja hija pajjiż bi tradizzjoni kbira ta' trobbija tan-naħal u ta' produzzjoni ta' għasel ta' kwalità għolja. It-trobbija b'suċċess tan-naħal fis-Slovenja minn dejjem kienet ibbażata fuq għarfien tajjeb tan-naħal u tat-tekniki immaġinattivi tat-trobbija tan-naħal. Dan is-suċċess jiddependi wkoll fuq il-mergħat disponibbli, li fis-Slovenja huma varjati minħabba d-diversità tal-flora. L-esperjenza li nbniet matul ħafna snin fit-trobbija tan-naħal u l-produzzjoni tal-għasel għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Peress li s-siġra tal-qastan ħelu (*Castanea sativa*) hija daqstant mifruxa fis-Slovenja, l-għabra tad-dakra tal-qastan ħelu tinsab fil-biċċa l-kbira tal-kampjuni tas-"Slovenski med". Biex jisfruttaw il-varjetà tal-mergħat fis-Slovenja, dawk li jrabbu n-naħal imexxu lin-naħal tagħhom madwar il-pajjiż, u b'ħekk iżidu ulterjorment il-possibbiltà li l-għabra tad-dakra tal-qastan ħelu tkun preżenti fl-għasel.

Fuq perjodu ta' eluf ta' snin, in-naħla tal-għasel Karnjolana (*Apis mellifera carnica*), li ngħatat dan l-isem minn August Pollmann fl-1879, adattat b'mod speċjali għall-kundizzjonijiet tal-klima u tal-mergħat li huma tipiċi għas-Slovenja. In-naħla tal-għasal Karnjolana hija indiġena għas-Slovenja u hija protetta skont l-Att dwar it-Trobbija tal-Bhejjem (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 18/02), li fl-Artikolu 68 jiddefinixxi n-naħla tal-għasel Karnjolana bħala razza indiġena u li, fl-Artikolu 70, jipprevedi protezzjoni speċjali għal din ir-razza indiġena. Bħala riżultat tal-karatteristiċi eċċellenti tagħha kif ukoll tal-mod kif adattat għal kundizzjonijiet klimatiċi moderati, in-naħla tal-għasel Karnjolana kienet komodità nnegozjata ħafna. F'pajjiżi oħra, jeżistu razez oħra ta' naħal flimkien man-naħla tal-għasel Karnjolana, imma huwa biss fis-Slovenja li n-naħla tal-għasel Karnjolana hija l-unika naħla li tista' tintuża fit-trobbija tan-naħal.

Ir-restrizzjonijiet li japplikaw għall-produzzjoni tas-"Slovenski med" jikkontribwixxu wkoll għall-karatteristiċi speċifiċi tiegħu. Il-ħiliet ta' dawk li jrabbu n-naħal jidhru wkoll meta jiġu biex jiġġudikaw meta jkun wasal iż-żmien biex jiġi estratt l-għasel, peress li, abbażi tal-prattika u tal-esperjenza mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra, dawk li jrabbu n-naħal jestrattaw l-għasel meta l-kontenut ta' ilma tiegħu jkun inqas minn 18,6 %.

L-għasel prodott fis-Slovenja minn dejjem kien stmat ħafna mill-konsumaturi, peress li jipprovdilhom ikel ta' kwalità għolja minn sors magħruf. Kien propju minħabba x-xewqa li l-konsumaturi jiġu provduti b'għasel ta' kwalità tajba li dawk li jrabbu n-naħal fis-Slovenja introduċew il-produzzjoni kkontrollata tal-għasel fl-1999. Din teħtieġ ammont kbir ta' għarfien espert min-naħa ta' dawk li jrabbu n-naħal peress li, sabiex jiġi żgurat li l-għasel ikun ta' kwalità għolja, huma ħolqa importanti fil-proċess tal-produzzjoni tal-għasel, u l-kwalità tal-għasel tista' tonqos jekk xogħolhom ma jsirx sew.

Il-profil ta' livell għoli u r-reputazzjoni tajba tas-"Slovenski med" huma riżultat tal-preżenza tiegħu f'diversi kungressi nazzjonali u internazzjonali, wirjiet, fieri, ġranet dedikati għall-għasel u bażars għat-tfal, għall-fatt li jidher f'xandiriet televiżivi u radjofoniċi u, l-aħħar iżda mhux l-inqas, il-fatt li jissemma f'diversi artikli, pereżempju f'Ruralia Gorizia, kungress li ġie organizzat minn tliet pajjiżi (is-Slovenja, l-Italja u l-Awstrija) fl-2002 fl-Italja, f'Apimondia, l-akbar avveniment internazzjonali li għandu x'jaqsam mat-trobbija tan-naħal (Ljubljana, 2003), u fil-kungress internazzjonali dwar l-għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar f'Chania (Kreta, 2009), u fil-forum Apimedica & Apiquality (Slovenia, 2010), eċċ.

Il-kwalità għolja tas-"Slovenski med", li hi tal-ogħla livell, hija evidenzjata mid-diversi premji li rebaħ dan l-għasel f'diversi kompetizzjonijiet globali, internazzjonali u nazzjonali; pereżempju żewġ midalji u diversi premji ta' midalji tad-deheb fil-kompetizzjoni dinjija tal-għasel ta' Apimedica & Apiquality. Is-"Slovenski med" irċieva wieħed mill-aktar premji riċenti tiegħu fil-kompetizzjoni internazzjonali tal-għasel organiku BiolMiel 2011 fl-Italja, fejn l-għasel tal-akaċja u tal-foresta rebaħ midalji tad-deheb filwaqt li l-għasel tal-qastan ġie r-raba' flimkien ma' prodott ieħor minn fost 170 kampjun ta' għasel.

Referenza elettronika (url) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.gov.si/assets/ministrstva/MKGP/PODROCJA/HRANA/SHEME-KAKOVOSTI/SPECIFIKACIJE-EVROPSKA-KOMISIJA/SMGO_spr_spec_sept_25.pdf